MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tal-5 ta' Frar, 2014

Citazzjoni Numru. 229/2012

**AB**

**Vs**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremetta:

1. Illi l-partijiet izzewgu f'Malta nhar is-7 ta' Gunju 1999, skont ma jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg li qieghed jigi hawn anness u markat Dokument A;
2. Illi minn dan iz-zwieg, il-partijiet m'ghandhomx tfal;
3. Illi l-hajja mizzewga bejn il-kontendenti saret impossibbli minhabba adulterju, sevizzi, eccessi, minacci, mohqrija u ingurji gravi kommessi kontrih mill-intimata, u minhabba li z-zwieg tkissret irrevokabilment kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni;

4. Illi l-esponenti ghal dawn ir-ragunijiet, talab u ottjena l-awtorizzazzjoni mehtiega minn din l-Onorabbli Qorti sabiex jipprocedi f'din l-istanza wara li tterminaw il-proceduri ta' medjazzjoni skond il-Ligi (Dokument B);
5. Illi l-esponent ilu sa minn qabel l-1 ta' Novembru 2005 separat de facto mill-intimata kif ser jirrizulta mill-provi u huwa ghamel diversi tentattivi sabiex issehh ir-rikonciljazzjoni u meta r-rikonciljazzjoni ma saritx huwa pprezenta kawza ghas-separazzjoni personali fl-ismijiet "Marvic Micallef vs Josianne Micallef" (Citaz. Nru 357/2005 JA) u fil-mori tal-kawza li kienet marret sine die huwa ppruva jasal ghal separazzjoni personali konsenswali, izda l-intimata ma kkopperatx minkejja li anke abbozz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali kien gie negozzjat kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni u issa hu cert li ma hemmx lok ta' rikonciljazzjonji u ghalhekk qed issir din il-kawza;

Talbet li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandiex:

1. Tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-konjugi Micallef minhabba adulterju, sevizzi, eccessi, minacci, mohqrija u ingurji gravi li l-intimata ikkommettiet kontra zewgha l-esponent, jew minhabba li z-zwieg tkisser irrevokabilment;
2. M'ghandhomx jigu applikati kontra l-imsemmija intimata l-effetti tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 48, 51 u7 53 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta) in toto jew in parte;
3. M'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet f'partijiet mhux necessarajament ugwali;
4. M'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti tawtorizza lill-esponent li jabita fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni tal-intimata, liema dar hi b'titolu ta' kera u taghti kull provvediment xieraq u opportun ghal dan l-iskop;
5. M'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
6. M'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru

Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Bl-ispejjez – komprizi dawk tal-proceduri inkorsi fl-istadju ta' medjazzjoni u fl-atti tad-Digriet kontra l-intimata li hija minn issa ngunta in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-22 ta' Ottubru, 2012;

Rat in-nota tal-attur illi permezz taghha ipprezenta kopja legali ta' kuntratt ta' separazzjoni in atti tan-Nutar Dr Patrizia Mallia tas-17 ta' Ottubru 2013 u li permezz tieghu il-partijiet isseparaw konsenswalment;

Semghet lill-partijiet jixhdu bil-gurament taghhom waqt is-seduta tat-30 ta' Jannar 2014;

Rat l-artikolu 66B tal-Kap. 16;

Rat ukoll illi l-avukati difensuri tal-partijiet qablu illi kull parti ghandha thallas l-ispejjez taghha;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi l-mertu tal-ewwel, tat-tieni, tat-tielet u tar-raba talbiet attrici jinsab ezawrit u ghalhekk qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghhom;

Illi jibqa ghalhekk illi il-Qorti tiddeciedi il-hames u is-sitt talba attrici. Illi l-Qorti rat illi l-attur irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi biex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi il-partijiet ilhom de facto separati ghal aktar minn ghaxar snin;

Illi l-Qorti rat illi l-attur ukoll irnexxielu jipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn

il-partijiet u illi ma hemmx pendenzi fir-rigward ta' manteniment;

Ghaldaqstant il-Qorti qeghda tilqa' il-hames u is-sitt talbiet attrici, qeghda tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi kull parti ghandha thallas l-ispejjez taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------